

QORTI TAL-PRIM' ISTANZA

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Ottubru 2008
— Gogos vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-66/04) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Kompetizzjoni interna li tħinvolvi bidla fil-kategorija — Ħatra — Klassifikazzjoni fil-grad — Artikolu 31(2) tar-Regolamenti tal-Persunal”)

(2008/C 313/40)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Christos Gogos (Waterloo, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment C. Tagaras, u wara N. Korogiannakis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall, aġġent, assistit minn P. Anestis, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikklas-sifika lir-rikorrent fil-grad A7, skala 3, kif ukoll tad-deċiżjoni tal-24 ta' Novembru 2003, li tiċħad l-ilment amministrattiv.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Kummissjoni tħalli l-ispejjeż kollha.

⁽¹⁾ ĠU C 94, 17.4.2004.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Ottubru 2008
— Potamianos vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-160/04) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Nuqqas ta' tiġid ta' kuntratt għal żmien speċifikat”)

(2008/C 313/41)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Gerasimos Potamianos (Grimbergen, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Tserepa-Lacombe, aġġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-awtorità li għandha s-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti ta' rekluta għgħid li ma ġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent bħala membru tal-persunal temporanju.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) M. Gerasimos Potamianos u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 168, 26.6.2004.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ottubru 2008
— TV 2/Denmark vs Il-Kummissjoni**

(Kawżi magħquda T-309/04, T-317/04, T-329/04 u T-336/04) ⁽¹⁾

(“Għajjnuna mill-Istat — Miżuri meħuda mill-awtoritajiet Daniżi fir-rigward tax-xandar pubbliku TV2 sabiex tigħi ffinanzjata l-missjoni ta' servizz pubbliku tiegħi — Miżuri kklassifikati bħala għajjnuna mill-Istat parżjalment kompatibbi u parżjalment inkompatibbli mas-suq komuni — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Interess ġuridiku — Drittijiet tad-difiża — Servizz pubbliku tax-xandir — Defi-nizzjoni u finanzjament — Riżorsi tal-Istat — Obbligu ta' motivazzjoni — Obbligu ta' eżami”)

(2008/C 313/42)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż u d-Daniż

Partijiet

Rikorrenti fil-kawża T-309/04: TV 2/Denmark A/S (Odense, id-Danimarka) (rappreżentanti: O. Koktvedgaard u M. Thorninger, avukati)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti fil-kawża T-309/04: Union européenne de radio-télévision (UER) (Grand-Saconnex, l-Iż-żivżiera (rappreżentanti: A. Carnelutti, avukat)